KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

2 ta' Marzu 2010

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tal-Erbghin (40) Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah l-Erbghin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Erbgha 3 ta' Frar 2010 fis-5.45pm.**

Is-Sebgha u Tletin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
3. Mistoqsijiet lis-Sindku
4. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji
5. Rizoluzzjoni Specjali dwar il-permessi tal-kjoskijiet fi Triq Sant'Anna f'Sibt il-Karnival
6. Jum il-Floriana
7. Approvazzjoni tal-Estimi Annwali 2010 u Pjan ta' Ħidma
8. Sotto-Kumitat Ordni Pubbliku, Ħarsien taċ-Ċittadin u Relazzjonijiet mal-Korp tal-Pulizija
9. Xogħol ta' patching/resurfacing
10. Ċelebrazzjoni Lejlet l-Ewwel tas-Sena
11. Monument b'tifkira tal-25 rebħ tal-Kampjonat mill-Floriana FC
12. Għażla tal-Offerti : -
    KLF /Q/23/09 - Provvista u delivery ta' reċipjenti għall-fdalijiet taż-żwiemel u reċipjenti għal siringi użati
    KLF/Q/24/09 - Provvista u konsenja ta' recessed floor uplighters
    KLF/Q/25/09 - Provvista u intallazzjoni ta' Air Conditioning Units
13. Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat
14. Tneħħija tar-Road Hump fi Triq San Franġisk
15. Id-Dawl Dekorattiv ta' Triq Sant'Anna
16. Ħwejjeg Oħra
17. Aġġornament tal-laqgħa

Ghall-Erbghin laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti is-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Franco Davies, il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili u l-Kunsillier Vincent Borg, flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat assistit mill-iskrivana Emmanie Theuma.

**Bidu tal-laqgha:**

Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tal-erbghin (40) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

2.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bix-xewqa tas-Sur Alfred P. Farrugia li talab li jibda' jifforma parti mis-Sotto kumitat tal-Ambjent, Indafa u Infrastruttura. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Societa' Filarmonica Nazionale La Valette fejn talbu lill-Kunsill biex l-Kunsill jikkummissjoni lill-Banda Vilhena halli taghti s-sehem taghha f'attivita' li ser tittella' f'Jum Hadd il-Palm. Il-Kunsill qabel fil-principju li l-banda tiehu sehem f'din l-attivita' kulturali izda jehtieg li tinkiseb kwotazzjoni qabel ma tigi approvata.

2.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq kwotazzjoni minghand RES Ltd. biex jinbidlu n-neon tubes tal-ufficcju tal-Kunsill, dan dejjem biex il-Kunsill ikun aktar *eco friendly*. Il-Kunsill qabel li ghandu jmexxi b'din il-kwotazzjoni.

2.4 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Skema ta' Finanzjament ghal Restawr ta' Postijiet Storici zghar. Il-Kunsill qabel li ghandu japplika ghal din l-iskema vantaggjuza u qabel li l-Kunsilliera ghandhom iressqu l-ideat taghhom sa mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn 8 ta' Frar 2010 sabiex il-Kunsill ikun jista' japplika mill-aktar fis.

2.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq kwotazzjoni ta' €250 ghall-kreazzjoni ta' sit elettroniku ghall-Attivita' Celebrazzjonijiet Lejliet l-Ewwel tas-Sena fi Triq Sant'Anna. Il-Kunsill qabel li ghandu jmexxi b'din il-kwotazzjoni.

2.6 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Vilhena Band Club fejn offrew lill-Kunsill li jaghmel riklam fuq il-ktejjeb annwali tal-Festa. Il-Kunsill qabel unanimament li jaghmel ir-riklam tas-soltu bl-ammont ta' €370.

2.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq ilment minghand is-Sinjura ******** ***** fejn ilmentat bil-problema li tiddisponi mill-hmieg tal-klieb fiz-zona tal-bandli u fi Triq is-Suq. Il-Kunsill qabel li ghandu jinformaha li hemm *bins* apposta biex taghmel dan gewwa l-Gnien Sir Luigi Preziosi.

2.8 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Ufficcju Parrokkjali fejn offrew lill-Kunsill riklam fuq il-kopertina ta' wara ta' *Ktieb ta' Storja u Festa ta' San Publju*, total ta' €326. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.9 Is-Sindku Nigel Holland ressaq kwotazzjoni minghand St. Joseph Woodworks mitluba mill-Kunsillier Edward Torpiano biex tissewwa n-nicca tal-Madonna li kienet tkissret meta giet milquta minn vann f'accident tat-traffiku. Il-Kunsill qabel ghalhekk li din il-kwotazzjoni ghandha tintbaghat lill-kumpanija sid il-vann wara li jkun sar ir-rapport tal-Pulizija.

2.10 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Kap tal-iSkola Primarja fejn talab li

ssir harga ghal Ghawdex b'kollaborazzjoni mal-Kunsill u biex il-Kunsill jipprezenta l-medalji tal-iSports Day wara li dawn jkun ghamilhom il-Kunsill stess. Il-Kunsill approva.

2.11 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'riferenza ghall-iSkema ta' Finanzjament ta' Progetti Specjali f'Lokalitajiet Zghar. Il-Kunsill qabel li ghandu japplika ghal din l-iskema u jipproponi l-progett tal-picc sintetiku.

2.12 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand it-TCTC fejn offrew lill-Kunsill li jiehu hsieb id-distribuzzjoni ta' *leaflets* dwar kors bl-isem ta' E-BIZ, total ta' €100. Il-Kunsill qabel unanimament.

**Nota: 18:15 Il-Kunsillier Franco Davies talab li jkun skuzat.**

2.13 Is-Sindku Nigel Holland issuggerixxa li jsiru zewg banners ta' *San Publju Patrun ta' Malta* mal-pilastri tal-gnub ta' fejn hemm l-istrixxa tad-dawl fil-prezent, biex tintuza fil-festa ta' San Publju kull sena. Il-Kunsill qabel mal-principju.

**Nota: 18:19 Il-Kunsillier Franco Davies rega' attenda ghal-laqgha.**

2.14 Is-Sindku Nigel Holland ressaq xi rcevuti fiskali ta' festin ghat-tfal u ghall-*helpers* minghand l-WR Arcipriet Richard Borg. Il-Kunsill qabel li ghandu jiffinanzja biss il-festin tat-tfal, total ta' €141 izda mhux dak tal-*helpers* u ghandu wkoll jigbed l-attenzjoni lill-Arcipriet li qabel isiru xi spejjez in kollaborazzjoni mal-Kunsill, ghandu dejjem jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill qabel.

2.15 Is-Sindku Nigel Holland ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill, biex il-Kunsill ihallas tar-reciviment li sar dakinhar tal-poloz tat-tournament tal-Milied. Il-Kunsill approva.

## 3.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

3.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-ittra li l-Kunsill ircieva minghand l-ADT fejn infurmaw lill-Kunsill b'xi xoghol li ser isir fuq il-bankina ta' Triq Sa Maison. Is-Sindku talab lill-Kunsillier Vincent Borg biex jikkuntattja l-Head Office tal-ADT dwar kjarimenti fuq l-istess ittra u tintalab *siteplan*.

3.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili staqsiet dwar l-applikazzjoni li saret biex ir-residenza Flat 3, Triq Pietro Floriani c/w Triq Macerata issir ufficcju. Is-Sindku Nigel Holland informaha li l-Kunsill kien oggezzjona ghal din l-applikazzjoni.

3.3 B'riferenza ghat-talba ta' planter fi Triq l-Isqof Mauro Caruana li saret fil-laqgha precedenti, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li kienet iccekkjat dwar dan u kienet anke provat tikkuntattja lir-residenta li ghamlet it-talba izda ma kienx irnexxielha.

3.4 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-Memo Interna dwar il-bankina fi Tiq San Tumas fejn issuggeriet li waqt li jkun qed isir ix-xoghol fuq din il-bankina, issir ukoll il-parti l-ohra tal-bankina ta' faccata. Is-Sindku wiegeb li din il-bankina tinsab fil-pjanijiet tal-Kunsill.

3.5 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili staqsiet jekk il-Kunsill kienx cahad lill-Excelsior milli jitfghu l-offerta' ghat-tender tal-Esklussivita' tal-Bejgh tal-Ikel u xorb f'Lejliet l-Ewwel tas-Sena. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li dan mhux minnu u nformaha li l-Kunsill kien anke ikkuntattja lill-Grand Hotel Excelsior dwar dan it-tender fejnu kienu wiegbu li mhux interessati.

## 4.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **35-05 A, B, C** , li gew

iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

4.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 8243 sa 8318, bir-rizultat:

Favur: 5 (NH, SSH, FD, ET, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

4.3 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Sindku Nigel Holland u mill-Vici Sindku Franco Davies u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## <u>5.0 Rizoluzzjoni Specjali dwar il-permessi tal-kjoskijiet fi Triq Sant'Anna f'Sibt il-Karnival</u>

5.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Kunsillier Vincent Borg u lill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili biex jaqraw ir-rizoluzzjoni li ressqu huma rigward id-decizjoni li ttiehdet fil-laqgha precedenti fuq il-permessi tal-kjoskijiet fi Triq Sant'Anna f'Sibt il-Karnival (rizoluzzjoni annessa).

5.2 Il-Kunsillier Vincent Borg spjega li huma xtaqu li proprjetarji ta' hwienet f'partijiet ohra tal-Floriana u kif ukoll sidien ta' gabbani Furjanizi ikollhom l-istess opportunita' daqs is-sidien tal-hwienet ta' Triq Sant'Anna u daqs l-ghaqdiet lokali Furjanizi dakinhar ta' Sibt il-Karnival.

5.3 Il-Kunsillier Vincent Borg spjega li meta gie mehud il-vot, kemm hu kif ukoll il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, ma kellhomx ic-cans jirriflettu fuq din il-materja u li l-affarijiet ma kienux cari u li ghaldaqstant ma kienx hemm cans biex jahsbuha sew.

5.4 Il-Kunsillier Vincent Borg zied jghid li mhux sew li l-ghaqdiet ma jkunux jistghu jarmaw bl-ikel u x-xorb izda biss bil-helu tal-Karnival u gugarelli, anke meta xi whud minn dawn ghandhom permess ghall-*bar*.

5.5 Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li l-Kunsilliera kienu diga' gew informati fl-istess laqgha li s-Sibt tal-Karnival kien ser isir fil-Floriana. Huwa zied jghid ukoll li din id-decizjoni kienet ittiehdet bil-hsieb li jgawdu l-hwienet Furjanizi ta' Triq u Pjazza Sant'Anna kif ukoll l-ghaqdiet Furjanizi. I

5.6 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili xtaqet tirregistra li din il-mozzjoni mhux imressqa la b'kapricc u lanqas b'vendikazzjoni lejn hadd izda ghax kemm hi kif ukoll il-Kunsillier Vincent Borg kienu gew avvicinati minn diversi nies u ma setghux jinjoraw l-ilmenti taghhom.

5.7 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili xtaqet tirregistra wkoll li hi ma kienet taf bl-ebda attivita' li ser tittella' f'Balzunetta u li ghaliha saret riferenza f'din id-diskussjoni.

5.8 Is-Sindku Nigel Holland zied jghid li l-Kunsill li ma setax jiftah permessi ghall-Furjanizi biss minhabba li din il-procedura mhux permessa bil-ligi u ghalhekk, dawn il-permessi jridu jinfethu ghal kulhadd. Is-Sindku Nigel Holland spjega li huwa ma jaqbilx li jiftah l-applikazzjonijiet ghall-permessi ghal kulhadd ghaliex inkella ser ibatu l-hwienet ta' Triq Sant'Anna.

5.9 Is-Sindku Nigel Holland saqsa lill-Kunsillieri li ressqu r-rizoluzzjoni specjali jindikaw in-numru ta' gabbani b'termini ta' *first come first served*, li jistghu jarmaw nhar is-Sibt tal-Karnival fi Triq Sant'Anna f'kaz li din il-mozzjoni tghaddi.

5.10 Il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsilliera Sandra Sammut Hili issuggerew li jinfethu 12-il post. Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili spjegat li b'dan il-mod dawk il-hwienet li jinsabu f'partijiet

ohrajn tal-lokalita kif ukoll sidien ta' gabbani ikollhom l-opportunita' li jarmaw u li mbaghad jiddependi minnhom dwar kemm ghandhom jaghmlu sforz biex ikunu minn ta' quddiem biex jilhqu post.

5.11 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot favur l-approvazzjoni li jinfethu 12-il posta ghal gabbani ghall-ikel u x-xorb nhar is-Sibt tal-Karnival fi Triq Sant'Anna, bir-rizultat kien:

Favur: 2 (SSH, VB)
Kontra: 3 (NH, FD, ET)
Astensjonijiet: 0

5.12 Ghaldaqstant ir-rizoluzzjoni specjali m'ghaddietx u baqghet tghodd id-decizjoni mehudha fil-laqgha tal-Kunsill precedenti, fejn gie deciz biex ma jinhargux permessi ghall-bejgh ta' ikel u xorb fis-Sibt tal-Karnival. L-unici permessi accettati kienu dawk li jinhargu bar, mwejjed u siggijiet mis-sidien tal-hwienet u kazini li hemm fi Triq Sant'Anna u biex l-ghaqdiet ikunu mistiedna ibieghu gugarelli, perlini, prinjolata u affarijiet relatati mal-Karnival.

## 6.0 Jum il-Floriana

6.1 Is-Sindku Nigel Holland staqsa lill-Kunsilliera ghall-ideat taghhom fuq is-sitt persuni li kienu ser jigu onorati din is-sena f'Jum il-Floriana billi jsir ritratt taghom bhala banner li jitwahhlu fi Triq il-Miratur bhalma sar is-sena l-ohra.

6.2 Il-Kunsill qabel fuq dawn li gejjin: John J. Borg, Hermann Farrugia, Justin Haber, Tony Cauchi, Robert Samut u l-Isqof Mauro Caruana.

6.3 Il-Kunsill qabel li Jum il-Floriana ghandha tigi ccelebrata hmistax qabel il-Festa, minhabba z-zjara tal-Papa

6.4 Is-Sindku Nigel Holland ressaq is-suggeriment tas-sotto-kumitat biex dakinhar ta' Jum il-Floriana tinghata esebizzjoni mis-Sur Ranato Gatta, fotografu professjonali. Il-Kunsill ma qabilx minhabba li dan kien ser jammonta ghal spejjez zejda.

6.5 Il-Vici-Sindku Franco Davies issuggerixxa li minflok il-Kunsill ghandu jaghmel esebizzjoni ta' fotografu professjonali Malti li ha diversi ritratti tal-Floriana, ritratti li ghandhom jigu mkabbra u forsi anke mibjugha bhala *prints* izghar biex jghinu fl-ispejjez. Il-Kunsill qabel fil-principju li izda ghad jonqos li jiddeciedi fuq id-dettalji ta' din l-esibizzjoni.

6.6 Il-Kunsill qabel li ghandu jikkommissjona l-Banda Vilhena biex iddoqq waqt il-hrug tal-vara ta' San Publju bhas-snin precedenti.

6.7 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li minhabba impenji ohra, il-Kontessa Compagnoni u l-ex Sindku ta' Macerata ma setghux jattendi ghar-reciviment f'Jannar u minflok ser jattendu f'Marzu ghall-prezentazzjoni tac-*Cittadinanza Onoraria* u ssuggerixxa li l-Kunsill ghandu jakkomodahom fil-Castille Hotel. Il-Kunsill approva.

6.8 l-Kunsill qabel li ghandu jiehu jitlob kwotazzjoni lis-Sur Noel Galea Bason biex isiru medalji kommemorattivi bl-emblema tal-Kunsill.

## 7.0 Approvazzjoni tal-Estimi Annwali 2010 u Pjan ta' Hidma

**Nota: 20:00 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat. Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Vici Sindku Franco Davies jippresedi l-laqgha fl-assenza tieghu.**

7.1 Il-Vici-Sindku Franco Davies beda d-diskussjoni billi semma li kienet ser tizdied l-ispiza fl-emenda ghall-manutenzjoni tal-latrini minhabba l-hafna atti ta' vandalizmu li kien hemm ricentament. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li diga hemm allokazzjoni ghal xoghol ta' manutenzjoni Il-Kunsill qabel li jhalli l-abbozz kif ipprezentat.

7.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq mozzjoni favur l-approvazzjoni tal-estimi annwali 2010 u l-pjan ta' hidma 2010-2012, issekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano, bir-rizultat:

Favur: 4 (FD, ET, SSH, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**Nota: 20:05 Is-Sindku Nigel Holland rega' attenda ghal-laqgha.**

## 8.0 Sotto-kumitat Ordni Pubbliku, Harsien tac-Cittadin u Relazzjonijiet mal-Korp tal-Pulizija

8.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand ic-Chairperson tas-Sotto-Kumitat, is-Sur Gauci b'suggerimenti li hargu mis-Sotto-kumitat Ordni pubbliku, Harsien tac-Cittadin u Relazzjonijiet mal-Korp tal-Pulizija (rapport anness).

8.2 Il-Kunsill qabel li l-Kunsilliera responsabbli ghandhom jiehdu hsieb jaghtu daqqa t'ghajn lil dawn il-punti u jiehdu l-azzjonijiet necessarja.

8.3 B'riferenza ghall-punt minnhom fejn is-sotto kumitat gab ghall-attenzjoni tal-Kunsill id-*drop zone* ta' quddiem il-hanut Chemimart fi Pjazza Sant'Anna, il-Kunsill qabel li ghandu jikteb lil dan l-istess negozju rigward din id-*drop zone* li qed tigi regolarment abbuzata ghal skopijiet differenti minn dawk originali.

8.4 Il-Kunsillier Vincent Borg issuggerixxa li ghandha titwahhal tabella ta' *No Heavy Vehicles* fi Triq Vilhena minhabba d-djuqija ta' din l-istess triq u d-diffikulta' li jsibu dawn il-vetturi kbar meta jigu biex iduru. Il-Kunsill approva.

8.5 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Kunsillier Edward Torpiano biex jitlob laqgha mal-Assistent Kummissarju flimkien mal-membri tas-sotto kumitat Ordni pubbliku, Harsien tac-Cittadin u Relazzjonijiet mal-Korp tal-Pulizija.

8.6 Il-Vici-Sindku Franco Davies ressaq ilment minn xi residenti fejn xi whud qed jipparkjaw il-mutur taghhom, b'kawza li jiehdu *parking bay* ta' karozza biex jirriservaw post ghal vettura taghhom. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li jekk il-mutur ma jkunx qed jipparkja paralleli mal-bankina, dan ma jkunx qieghed jikser il-ligi.

8.7 Il-Vici-Sindku Franco Davies gibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar *parking bay* riservata ghad-dizabbli li hemm fi Triq Antonio Agius li skond xi informazzjoni, m'ghadx ghandha uzu. Il-Kunsill qabel li ghandu jivverifika dan u f'kaz li dan hu minnu, din il-*parking bay* ghandha titnehha minnufih.

## 9.0 Xoghol ta' patching/resurfacing

**Nota: 20:10 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat**

9.1 Is-Sindku Nigel Holland informa li l-Perit tal-Kunsill kien kiteb lill-Perit tal-kuntrattur dwar ix-xoghol ta' patching tal-Kunsill dwar ix-xoghol hazin li kien sar fi Pjazza Robert Samut fost l-ohrajn.

**Nota: 20:12 Il-Kunsillier Edward Torpiano rega' attenda ghal-laqgha.**

9.2 Minhabba li l-kuntrattur Polidano Group ghamel xoghlijiet li ripetutament ma kenux sodisfacenti u minhabba d-dewmien biex jibda x-xoghol, is-Sindku Nigel Holland ressaq mozzjoni favur l-itterminar tal-kuntratt u biex tinhareg sejha tal-offerti gdida. Din il-mozzjoni giet issekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (NH, FD, ET, SSH, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

9.3 Il-Kunsillier Vincent Borg gibed l-attenzjoni tal-Kunsill ghall-bzonn urgenti ta' patching li hemm fi Triq il-Mall man-naha tal-Arena tal-Indipendenza fejn kien hemm vetturi li anke sofrew danni. Il-Kunsillier Vincent Borg issuggerixxa li ghandhom jinxtraw xi ftit boroz tarmac biex jintuzaw f'kazijiet li jkunu jirrikjedu xoghol ta' patching urgenti. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10.0 Celebrazzjonijiet ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena

10.1 Is-Sindku Nigel Holland fakkar fil-laqgha tas-Sotto kumitat Celebrazzjonijiet Lejliet l-Ewwel tas-Sena fi Triq Sant'Anna li kienet ghadha ma gietx appuntata.

10.2 Is-Sindku Nigel Holland talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex jipprezenta *breakdown* tal-ispiza ta' dan l-avveniment, li tikkonsisti wkoll fid-dhul u fil-hrug tal-Kunsill.

10.3 B'riferenza ghac-cekk tat-tender tal-Esklussivita' li dam ma gie ddepozitat, is-Sindku Nigel Holland spjega li kien talab lis-Sinjorina Fiona Said taghti spjegazzjoni bil-miktub dwar dan. Wara li s-Sinjorina Said ma hassitx li kellha taghti spjegazzjoni bil-miktub, huwa talab lis-Segretarju Ezekuttiv jaghti spjegazzjoni dwar x'kien gara.

10.4 Is-Sindku Nigel Holland talab li titnizzel fil-minuti li c-cekk kellu jkun prezentat lill-Kunsill Lokali sal-15 ta' Dicembru 2009, izda c-cekk gie pprezentat fit-23 ta' Dicemrbu 2009 pagabbli nhar it-28 ta' Dicembru 2009.

10.5 Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li l-procedura tikkonsisti billi l-iddepozitar isir bis-servizz tas-Security u li dan isir kull nhar ta' Gimgha. Ic-cekk gie moghti lill-Kunsill wara li kien sar is-servizz ta' gbir ta' flus mis-Security ghal dik il-gimgha, u li dan ma sarx iddepozitar tieghu fil-gimgha ta' wara peress li l-gurnata tal-Gimgha inzertat festa (l-1 ta' Jannar) u li l-impjegata inkarigata kienet bil-leave matul dik il-gimgha.

10.6 Il-Kunsillier Edward Torpiano staqsa jekk qattx kien hemm ordni specifika biex ic-cekk ikun depozitat direttament il-bank. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li ma hemmx ghalfejn jaghti

ordni specifika ghaliex il-procedura hija li l-flus jigu ddepozitati kull nhar ta' Gimgha.

**Nota: 20:50 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili talbet li tkun skuzata minhabba li ma hassitx li kellha tibqa' ghad-diskussjoni.**

10.7 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien hemm nies kif ukoll Kunsilliera li raw lil certu hwienet jiksru uhud mill-kundizzjonijiet. Il-Kunsillier Edward Torpiano cempel sahansitra lill-Pulizija dakinhar tal-attivita' wara li gie nnutat li hanut specifiku kien qed johrog imwejjed u siggijiet u kiser l-kundizzjonijiet.

**Nota: 20:54 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili irritornat lura ghal-laqgha.**

10.8 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-Bon Apetit kien gie jaghmel il-permess fil-hin tal-ufficcju u kien inhariglu l-permess li jarma l-imwejjed u s-siggijiet dakinhar tal-attivita'.

10.9 Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona li f'kaz li l-Kunsill jaccetta s-somma l-gdida li kienu qed joffru l-kuntratturi, is-somma li kien ser jitlef il-Kunsill mill-offerta' originali, ghandha tintalab minghand il-hwienet li kissru l-kundizzjonijiet tal-Kunsill dakinhar tal-attivita'. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.10 B'riferenza ghal akkuzi li ngibu kontriha, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili xtaqet li tirregistra li hi ma thossx li hi f'pozizzjoni li tkun taf mija fil-mija x'ikun qed jaghmel in-neputi taghha.

10.11 B'riferenza ghall-materja 10.8, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili talbet li tkun taf min mill-familja ta' persuna fil-kariga ta' Kunsillier, mhux eligibbli li jitfa' *tenders* u offerti relatati mal-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-familjari li ma jistghux jaghmlu dan huma l-ahwa, il-genituri, it-tfal, il-mara/ragel u hut il-mara/ragel tal-Kunsillier/a.

**Nota: 21:22 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili talbet li tkun skuzata minhabba li ma hassietx li kellha tibqa' ghad-diskussjoni.**

10.12 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg favur li jigi accetat ic-cekk ta' €1400 minflok ic-cekk originali ta' €2100, u li d-differenza ta' €700 ghandha tintalab mill-hwienet li kisru l-kundizzjonijiet dakinhar tal-attivita', issekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot bir-rizultat:

Favur: 4 (NH, FD, ET, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

Bi ftehim unanima, il-laqgha ntemmet fid-21:25 aggornata ghal nhar it-Tnejn 8 ta' Dicembru 2010 fl-16:00.

Il-Kontiwazzjoni tal-laqgha tkompliet fit-8 ta' Dicembru 2010 fl-16.00. Ghal din il-laqgha kien hemm prezenti is-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Franco Davies, il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili u l-Kunsillier Vincent Borg, flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat assistit mill-iskrivana Emmanie Theuma.

## 11.0 Monument b'tifkira tal-25 rebh tal-Kampjonat mill-Floriana FC

11.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni dwar din il-materja billi rrefera ghal-laqgha li kellu l-Kunsill mal-Floriana FC dwar dan il-monument, fejn jidher li din l-ghaqda ghandha certi

riservi.

11.2 Is-Sindku Nigel Holland sostna li dan il-monument ghandu jsir minkejja wara bosta snin li suppost sar. Huwa kompla li dan il-monument ser isir ukoll b'tifkira tal-plejers li laghbu, qeghdin jilghabu u fil-futur ghad iridu jilghabu mal-Floriana FC.

11.3 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili issuggeriet li l-Kunsill ghandu jerga' jiltaqa' mal-Kumitat tal-Floriana FC qabel jiehu decizjoni finali.

11.4 Il-Kunsill ma qabilx mas-suggeriment tal-Kunsilliera Sandra Sammut Hili u ddecieda biex ikompli jmexxi bl-offerta'.

## 12.0 Għażla tal-Offerti : -

Il-Kunsill irrisolva ruhu f'Kumitat tal-Ghazla tal-offerti fejn iddiskuta l-offerti t'hawn taht u ghadda r-rakkomandazzjonijiet tieghu lill-Kunsill. Il-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti fetah il-kaxxa tal-offerti fil-prezenza tas-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Franco Davies s-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat u l-membri Vincent Borg, Sandra Sammut Hili u Edward Torpiano.

**12.1 KLF/Q/23/09 – Provvista u delivery ta' recipjenti ghall-fdalijiet taz-zwiemel u recipjenti ghal siringi uzati**

12.1.1 Il-Kunsill iddecieda biex jintalbu aktar dettalji lill-kuntratturi dwar il-proposti taghhom.

**12.2 KLF/Q/24/09 - Provvista u konsenja ta' *recessed floor uplighters***

12.2.1 Il-Kunsill iddecieda li ghandu jintalab parir minghand l-Ing. Buttigieg biex tittiehed decizjoni adattata.

**12.3 KLF/Q/25/09 – Provvista u installazzjoni ta' *Air Conditioning Units***

12.3.1 Wara mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku Franco Davies u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, tressqet mozzjoni biex il-Kunsill jaghzel il-kwotazzjoni ta' Arjacon fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet l-aktar offerta vantaggjuza, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (NH, FD, SSH, ET, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

12.3.2 Il-Kunsill qabel li ghandha tintalab ukoll kwotazzjoni ghal *Air Curtain* jew bieb tal-hgieg biex tghin ghaz-zamma tal-kesha/shana fl-ufficcju tal-Kunsill peress li l-bieb tal-ufficcju jkun dejjem miftuh.

## 13.0 Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat

13.1 Is-Sindku Nigel Holland beda' billi nforma lill-Kunsill bir-rizenja tas-Segretarju Derian Debattista tas-Sotto kumitat Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat.

13.2 Is-Sindku Nigel Holland kompla billi heggeg lill-Kunsilliera biex jekk ikunu jafu lil xi hadd li ghandu interess jibda' jifforma parti minn dan is-sotto kumitat, ghandhom iressqu l-ismijiet tal-persuni interessati quddiem il-Kunsill.

13.3 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li huwa kien talab *sponsorship* lill-Melita plc. li dehru interessari jisponsorjaw dan il-festival. Huwa talab ukoll lill-Kunsillier Edward Torpiano biex jikkuntattja lis-Sur Anton Miceli biex flimkien mieghu jkellmu lill-kumpanija dwar din l-*isponsorship.*

13.4 Il-Kunsill qabel li ghandu johrog sejha ghall-offerti mill-aktar fis possibli ghal min hu nteressat fl-esklussivita' ta' bejgh ta' ikel u xorb matul dan il-Festival.

13.5 Is-Sindku Nigel Holland heggeg lill-Kunsilliera biex jibdew jintalbu *sponsorships* minn issa u ma jithallewx ghall-ahhar.

13.6 Is-Sindku Nigel Holland talab ukoll li ghandha ssir laqgha tas-Sotto kumitat Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat ghal gimgha d-diehla biex jibdew jigu diskussi d-dettalji u l-preparamenti necessarji.

**Nota: 17:05 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**

13.8 Is-Sindku Nigel Holland talab ukoll li l-Kunsill ghandu jaghmel laqgha mal-Pulizija malajr kemm jista' jkun biex jekk ikun hemm xi problemi, dawn ikunu jistghu jigu solvuti mill-aktar fis possibli u mhux jinqalghu fl-ahhar ftit bhal ma gara f'avvenimenti ohrajn.

## 14.0 Tnehhija tar-*Road Hump* fi Triq San Frangisk

14.1 Is-Sindku Nigel Holland stieden lill-Kunsillier Vincent Borg jispjega minhabba li kien hu li talab li din il-matejra tkun fuq l-agenda.

14.2 Il-Kunsillier Vincent Borg spjega li kien gie avvicinat diversi drabi minn resident li jogqghod fi Triq San Frangisk li talbu biex din ir-road hump titnehha minhabba li kienet qed tkun t'inkonvenjent specjalment meta jaghmel il-maltemp, minhabba li meta jghaddu l-karozzi, l-ilma tat-triq kien qed itir mal-bieb tar-residenza tieghu.

**Nota: 17:07 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili regghet irritornat ghal-laqgha.**

14.3 Is-Sindku Nigel Holland zied jghid li t-tnehhija ta' din ir-*road hump* minn Triq San Frangisk kienet ser issolvi problema ta' resident wiehed izda kienet ser tohloq inkonvenjent ghal nies ohra minhabba li kienu r-residenti stess li kienu talbu li ssir *road hump* f'din l-istess triq.

14.4 Il-Kunsillier Vincent Borg issuggerixxa li din tigi mcaqalqa u titpogga ftit iktar 'l isfel biex b'hekk tissolva il-problema.

14.5 Il-Kunsill qabel li din ir-*road hump* ghandha titnehha ghal kollox minn fejn qeghda u minflok ghandu jsir *traffic calmer* tal-plastik ftit iktar 'l isfel f'din l-istess triq.

## 15.0 Id-Dawl Dekorattiv ta' Triq Sant'Anna

15.1 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-problema li kellu l-Kunsill rigward dan id-dawl dekorattiv fi Triq Sant'Anna. Huwa spjega li fil-Kunsill precedenti, dan il-kuntratt kien gie moghti lis-Sinjuri Freddie u Stephen Tonna u li l-kuntratt kien ghadu validu s'issa.

15.2 Huwa zied jinforma l-Kunsill bil-hafna problemi li hemm bhal strixxi li qed jinqalghu, u li kellhom jigu rrangati mill-kuntrattur Stephen Tonna.

15.3 Huwa kompla billi qal li kien hemm bzonn li tinstab soluzzjoni immedjata biex dawn id-dwal ma jibqghux fl-istat li huma u jigu rrangati mill-aktar fis possibli.

**Nota: 17:25 Il-Vici Sindku Franco Davies talab li jkun skuzat mil-laqgha minhabba impenji ohra.**

15.4 Il-Kunsill qabel unanimament li minhabba li x-xoghol baqa' ma kienx soddisfacenti u minhabba l-istat li thalla fih dan id-dawl dekorattiv, il-Kunsill qabel li ghandu jtemm il-kuntratt tal-Kuntrattur Stephen Tonna u li ghandu jzomm l-ammont ta' €100 pendenti li l-Kunsill kien ghad fadal jaghti lill-Knisja rigward dan ix-xoghol.

15.5 Il-Kunsill qabel li ghandha tiehu hsieb tqabbad lill-kuntrattur iehor jiehu hsieb jirranga dawn l-istrixxi.

15.6 Il-Kunsill qabel ukoll li rigward li dawn il-bozoz ser tispicca l-produzzjoni taghhom, il-Kunsill ghandu jibqa' ghaddej bil-process kif inhu, u m'ghandhomx jinxtraw bozoz ta' tip gdid (LEDs) ghalissa.

**Nota: 17:30 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

15.7 Is-Sindku Nigel Holland propona li l-Kunsill ghandu jaghmel 8 strixxi tad-dawl mal-pilastri ta' Triq Sant'Anna, jharsu fid-direzzjoni tal-funtana tal-Iljun li hemm fi Pjazza Sant'Anna, biex jibdew jigu uzati ghall-festa ta' kull sena.

15.8 Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment u qabel li ghandha tinhareg sejha ghall-kwotazzjonijiet ghal 8 strixxi fi Triq Sant'Anna.

## 16.0 Hwejjeg Ohra

16.1 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill bil-bzonn li ssir tabella ta' *No Right Turn* Triq il-Miratur kantuniera ma' Triq il-Kapuccini, int u gej minn Triq l-Imhazen. Il-Kunsill qabel.

16.2 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill bl-ilment ta' resident li talab li ssir tabella ta' Cul de Sac fi Triq San Frangisk kantuniera ma' Triq is-Suq li turi indikazzjoni li t-triq ma tinfidx. Il-Kunsill approva.

16.3 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li kien tkellem mal-*foreman* tal-ELC dwar il-bzonn li tinzabar sigra li hemm fil-Gnien KGV u li qed tahbat mal-lasta tal-grawnd izda li ma tistax tinzabar minhabba li l-bieb tal-entratura tal-picc mhux gholi bizzejjed u l-*high up* ma jkunx jista' jghaddi. Il-Kunsill qabel li ghandu jistenna sakemm tinhareg is-sejha ghall-offerti tal-picc qabel ma tittiehed azzjoni u ghalissa, jinqatghu biss is-sigar li hemm fuq il-lasti u li huma accessibbli.

16.3 Il-Kunsillier Vincent Borg zied jghdi ukoll li hemm bzonn tinzabar sigra ohra fil-Gnien KGV izda biex isir dan, ikun hemm bzonn li jinqalghu l-imwejjed u l-bankijiet ta' tahtha. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni.

16.4 Il-Kunsillier Vincent Borg talab li ghal-laqgha li jmiss, titnizzel fuq l-agenda il-materja *Kundizzjonijiet tal-permessi tal-hwienet f'attivitajiet tal-Kunsill* minhabba li kien hemm xi kundizzjonijiet li fl-opinjoni tieghu kellhom jinbidlu. Is-Sindku Nigel Holland spjega lill-Kunsillier

Borg li l-kundizzjonijiet li dwarhom kien qed jitkellem kienu maghmulin specifikament ghall-attivita' ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena u li l-kundizzjonijiet mahruga mill-Kunsill jinbidlu skond il-bzonnijiet ta' kull attivita'.

16.5 Il-Kunsillier Vincent Borg issuggerixxa li meta jinhargu il-permessi lill-hwienet, il-Kunsill kellu jaghti l-facilita' lil dawk il-hwienet li jistghu jarmaw fil-logga tal-lemin/xellug taghhom, li jithallew jaghmlu dan fuq hlas tal-posta zejda li jkunu qed jinghataw. Il-Kunsill qabel.

16.6 Il-Kunsillier Vincent Borg fakkar dwar l-ittra li l-Kunsill irid jibghat lill-Ministru Austin Gatt biex tintalab laqgha mieghu.

16.7 Il-Kunsillier Vincent Borg staqsa dwar il-paviment ta' quddiem il-Knisja Parrokkjali. Il-Kunsill ghandu jistaqsi lill-perit tal-Kunsill biex jibghat stima tal-irrangar ta' din il-bankina.

16.8 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ressqet ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Kids Atlethics Festival li ser jittella' fl-14 ta' Marzu 2010 fiz-zona tax-Xaghra. Il-Kunsill approva.

16.9 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li l-globi taz-zebra crossings ordnati ghal hdejn il-Phoenicia u ghal hdejn il-Fosos kienu finalment waslu. Il-Kunsill qabel li ghandha tintbaghat il-works order biex dawn il-globi jitwahhlu mill-aktar fis possibli.

16.10 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li xi residenti fi Triq l-Isqof Mauro Caruana kienu talbu li l-planters tat-triq jinzebghu kannella. Il-Kunsill qabel li ghandu jkellem lir-residenti dwar il-possibilta' li titqaxxar iz-zebgha jekk dawn jinzebghu dan il-kulur.

16.11 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill biex ittella' coffee morning fit-23 ta' Frar 2010. Il-Kunsill approva.

16.12 Is-Sindku Nigel Holland staqsa jekk il-kariga tat-Tfal kinitx taqa' taht il-kariga taz-Zghazagh. Minhabba li din il-kariga ma kienitx inkluza, is-Sindku propona li din ghandha tibda' taghmel parti mill-kariga taz-Zghazagh. Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili accettat li tiehu l-kariga taz-Zghazagh u Tfal taht idejha. Is-Sindku Nigel Holland issuggerixxa li ghandha tibda' tiehu hsieb li torganizza laqgha tal-Kunsill tat-Tfal ta' l-inqas darba kull xahrejn. Il-Kunsill qabel.

16.13 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili staqsiet dwar il-culvert ta' Triq Pietro Floriani. Il-Kunsillier Edward Torpiano wiegeb li kien ikkuntattja l-kuntrattur tal-Kunsill li kellu jaghti stima sal-gurnata ta' wara. Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lill-kuntrattur li l-Kunsill jixtieq li jinfethu sa' 4 metri u jitolbu kwotazzjoni ghal dan.

16.14 Il-Kunsillier Edward Torpiano informa lill-Kunsill li l-istima li kienet intalbet fuq in-nicca tal-Madonna ta' Balzunetta ma kinietx tinkludi spejjez bhal gheluq tat-triq, garr ta' materjal, ecc. Huwa propona li l-Kunsill ghandu jhallas tal-warden ghall-gheluq tat-triq u tal-high up. Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jhallas ta' dawn id-danni minhabba li ghandu jhallas kollox min kien ghamel il-hsarat ladarba l-persuna in kwistjoni hija identifikata.

16.15 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandha tintbaghat cirkolari lir-residenti bid-dettalji ta' kull Kunsillier u l-karigi kollha li jaqghu tahtu.

16.16 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsilliera li kull min xtaq jitkellem fuq xi tema kwalunkwe dakinhar tal-Assemblea Generali fil-5 u s-6 ta' Marzu 2010, ghandu jiehu hsieb jikkonferma sa mhux aktar tard minn nhar il-Hamis 11 ta' Frar 2010.

## 17.0 Aġġornament tal-laqgħa

17.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha tinzamm nhar il-Erbgha 3 ta' Marzu 2010 fl-4.00pm.

Il-laqgha ntemmet fis-18:20.

Nigel Holland
Sindku

Kenneth Brincat
Segretarju Ezekuttiv